# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

14 ta' Marzu 2014*

"Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni — Natura neċessarja tal-informazzjoni mitluba — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Obbligu ta' motivazzjoni — Proporzjonalità"

Fil-Kawża T-297/11,

**Buzzi Unicem SpA,** stabbilita f'Casale Monferrato (l-Italja), irrappreżentata minn C. Osti u A. Prastaro, avukati,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea,** inizjalment irrappreżentata minn B. Gencarelli, L. Malferrari u C. Hödlmayr, sussegwentement minn L. Malferrari u C. Hödlmayr, bħala aġenti, assistiti minn M. Merola, avukat,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 2356 finali, tat-30 ta' Marzu 2011, dwar proċedura skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ 39520 – Siment u prodotti relatati),

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla),

komposta minn A. Dittrich, President, I. Wiszniewska-Białecka u M. Prek (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: J. Palacio González, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' April 2013,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

## Sentenza

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Matul Ottubru 2008, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej wettqet, b'applikazzjoni tal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU 2003, L 1, p. 1), diversi spezzjonijiet fl-uffiċċji ta' kumpanniji attivi fis-settur tas-siment, inkluż fl-uffiċċji tar-rikorrenti, Buzzi Unicem SpA, u f'dawk ta' Dyckerhoff AG u ta' Cimalux SA, kumpanniji kkontrollati direttament jew indirettament mir-rikorrenti.

2 Fit-30 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni bagħtet lir-rikorrenti talba għal informazzjoni li kienet tinkludi żewġ kwestjonarji. L-ewwel kwestjonarju kien jirrigwarda dokumenti sekwestrati waqt l-ispezzjonijiet. Fit-tieni kwestjonarju anness ma' din it-talba għal informazzjoni, il-Kummissjoni bagħtet lir-rikorrenti lista inizjali ta' 57 domanda (iktar 'il quddiem id-"domandi inizjali"). Ir-rikorrenti rċeviet ukoll talba għal informazzjoni oħra abbażi tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 1/2003 fil-11 ta' Jannar 2010.

3 Fil-5 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti bl-intenzjoni tagħha li tibgħatilha deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003, u bagħtitilha l-proġett ta' kwestjonarju li kienet qegħda tipprevedi li tannetti ma' din id-deċiżjoni.

4 Fis-17 ta' Novembru 2010, ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fuq dan il-proġett ta' kwestjonarju.

5 Fis-6 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti li hija kienet iddeċidiet li tibda proċedura fir-rigward tagħha abbażi tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament Nru 1/2003, kif ukoll fir-rigward ta' seba' impriżi oħra attivi fis-settur tas-siment, għal ksur preżunt tal-Artikolu 101 TFUE minħabba "restrizzjonijiet fil-fluss kummerċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), inklużi restrizzjonijiet ta' importazzjonijiet fiż-ŻEE bi provenjenza minn pajjiżi esterni għaż-ŻEE, tqassim tas-swieq, koordinament tal-prezzijiet u prattiki antikompetittivi konnessi fis-suq tas-siment u s-swieq ta' prodotti konnessi" (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' tressiq tal-proċedura").

6 Fit-30 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2011) 2356 finali dwar proċedura skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ 39520 — Siment u prodotti relatati) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

7 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tindika li, b'mod konformi mal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, sabiex twettaq id-doveri assenjati lilha minn dan ir-regolament, hija tista', permezz ta' talba sempliċi jew ta' deċiżjoni, tirrikjedi lill-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi li jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja (premessa 3 tad-deċiżjoni kkontestata). Wara li fakkret li r-rikorrenti kienet ġiet informata bl-intenzjoni tagħha li tadotta deċiżjoni b'mod konformi mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 u li din kienet ippreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fuq proġett ta' kwestjonarju (premessi 4 u 5 tad-deċiżjoni kkontestata), il-Kummissjoni rrikjediet permezz ta' deċiżjoni, lir-rikorrenti, kif ukoll lis-sussidjarji tagħha li jinsabu fl-Unjoni Ewropea u kkontrollati direttament jew indirettament minnha, li jirrispondu għall-kwestjonarju li jinsab fl-Anness I, li jinkludi fih 79 paġna u huwa kkostitwit minn ħdax-il sensiela ta' domandi (premessa 6 tad-deċiżjoni kkontestata).

8 Il-Kummissjoni fakkret ukoll id-deskrizzjoni tal-ksur preżunt, imsemmi fil-punt 5 iktar 'il fuq (premessa 2 tad-deċiżjoni kkontestata).

9 B'riferenza għan-natura u għall-kwantità tal-informazzjoni rikjesta kif ukoll għas-serjetà tal-ksur preżunt tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni qieset li kellu jingħata lir-rikorrenti terminu biex tirrispondi ta' tnax-il ġimgħa għall-ewwel għaxar sensiliet ta' domandi u ta' ġimagħtejn għall-ħdax-il sensiela, relattiva għall-"Kuntatti u laqgħat" (premessa 8 tad-deċiżjoni kkontestata).

10 Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata jaqra kif ġej:

"*Artikolu 1*

[Ir-rikorrenti] flimkien mas-sussidjarji tagħha li jinsabu fl-UE u li huma kkontrollati direttament jew indirettament minnha, għandha tipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Anness I ta' din id-deċiżjoni, fil-forma rikjesta fl-Anness II u fl-Anness III ta' din tal-aħħar, f'terminu ta' risposta ta' tnax-il ġimgħa għad-domandi 1-10 u ta' ġimgħatejn għad-domanda 11, mid-data ta' notifika ta' din id-deċiżjoni. L-Annessi kollha jiffurmaw parti integrali minn din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*

[Ir-rikorrenti,] flimkien mas-sussidjarji tagħha li jinsabu fl-UE u li huma kkontrollati direttament jew indirettament minnha, hija d-destinatarja ta' din id-deċiżjoni. [...]"

**Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

11 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-10 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

12 Permezz ta' att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-10 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti ressqet talba intiża sabiex il-kawża tinqata' skont il-proċedura mħaffa, skont l-Artikolu 76a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

13 B'deċiżjoni tal-14 ta' Settembru 2011, il-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) ċaħdet din it-talba.

14 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali.

15 It-trattazzjoni tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tas-26 ta' April 2013.

16 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla totalment jew parzjalment id-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

17 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

**Id-dritt**

18 Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi, ibbażati, essenzjalment, l-ewwel, fuq nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża, it-tieni, fuq eċċess u fuq abbuż ta' poter fl-okkażjoni tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll fuq bdil tal-oneru tal-prova, it-tielet, fuq ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, ir-raba', fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u, il-ħames, fuq ksur mill-Kummissjoni tal-prattiki tajba tagħha relattivi għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni ekonomika kif ukoll tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

*Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża*

19 Prinċipalment, ir-rikorrenti tosserva li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni peress li din ma fiha ebda indikazzjoni fir-rigward tas-suġġett jew tal-għan tat-talba għal informazzjoni u li l-motivazzjoni ma tistax tinbidel b'mod sħiħ permezz ta' riferiment għal atti oħrajn. Sussidjarjament, hija ssostni li, anki kieku seta' jittieħed inkunsiderazzjoni l-kontenut tad-deċiżjoni ta' tressiq tal-proċedura, id-deċiżjoni kkontestata tibqa' vvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni, fid-dawl tan-natura wisq ġenerali tad-definizzjoni tal-preżunzjonijiet ta' ksur li din trid tivverifika. Fir-rigward tal-elementi l-oħra tal-kuntest legali li tirreferi għalihom il-Kummissjoni, dawn ma jippermettux li tiġi kompletata l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Ir-rikorrenti tqis li din l-insuffiċjenza fil-motivazzjoni tipprekludiha milli tevalwa l-ħtieġa tal-informazzjoni mitluba u għalhekk, milli teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha.

20 Il-Kummissjoni ssostni li d-deċiżjoni kkontestata hija suffiċjentement motivata skont il-liġi.

21 L-obbligu ta' motivazzjoni ta' deċiżjoni individwali għandu l-għan li jippermetti lill-Qorti li teżerċita l-istħarriġ tagħha dwar il-legalità tad-deċiżjoni u li tipprovdi lill-persuna interessata b'indikazzjoni suffiċjenti biex din tkun taf jekk id-deċiżjoni hijiex fondata jew jekk eventwalment hijiex ivvizzjata b'difett li jippermetti li tiġi kkontestata l-validità tagħha, bil-preċiżazzjoni li l-portata ta' dan l-obbligu tiddependi min-natura tal-att inkwistjoni u mill-kuntest li ġie adottat fih kif ukoll mid-dispożizzjonijiet legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 1984, Interfacultair Instituut Electronenmicroscopie der Rijksuniversiteit te Groningen, 185/83, Ġabra p. 3623, punt 38; sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2005, Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni, T-349/03, Ġabra p. II-2197, punti 62 u 63, u tat-12 ta' Lulju 2007, CB vs Il-Kummissjoni, T-266/03, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 35).

22 B'applikazzjoni ta' ġurisprudenza ferm stabbilita, l-elementi essenzjali tal-motivazzjoni ta' deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni huma stabbiliti mill-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 stess (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2012, Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, T-458/09 u T-171/10, punti 76 u 77, u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 L-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 jipprovdi li l-Kummissjoni "ħa tiddikjara il-bażi legali u ir-raguni għat-talba, tispeċifika liema inofrmazzjoni hi rikjesta u twaħħal il-limitu ta' ħin li fiħ irrid jiġi provduta". Barra minn hekk, l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 jippreċiża li l-Kummissjoni "ħa tindika ukoll il-pieni previsti mil-Artikolu 23", li għandha "tindika jew timponi il-pieni previsti mil-Artikolu 24" u li "[h]i ħa tindika ukoll id-dritt ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mil-Qorti tal-Ġustizzja".

24 Din id-delimitazzjoni tal-obbligu ta' motivazzjoni hija dovuta għan-natura ta' miżura ta' investigazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' talba għal informazzjoni.

25 Fil-fatt, għandu jitfakkar li l-proċedura amministrattiva abbażi tar-Regolament Nru 1/2003, li tiżvolġi quddiem il-Kummissjoni, tinqasam f'żewġ fażijiet distinti u suċċessivi li kull waħda minnhom għandha loġika interna tagħha stess, jiġifieri fażi ta' investigazzjoni preliminari, minn naħa, u fażi kontradittorja, min-naħa l-oħra. Il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, li matulha l-Kummissjoni tuża s-setgħat ta' investigazzjoni stabbiliti bir-Regolament Nru 1/2003 u li tasal sad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, hija intiża biex tippermetti lill-Kummissjoni li tiġbor l-elementi rilevanti kollha li jikkonfermaw jew le l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u tieħu pożizzjoni inizjali fuq l-orjentament tal-proċedura kif ukoll fuq kif għandha tipproċedi. Min-naħa l-oħra, il-fażi kontradittorja, li testendi mill-komunikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sal-adozzjoni tad-deċiżjoni finali, għandha tippermetti lill-Kummissjoni li tadotta deċiżjoni definittiva fuq il-ksur ilmentat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2008, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, T-99/04, Ġabra p. II-1501, punt 47).

26 Minn naħa, fir-rigward tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari, din tibda fid-data li fiha l-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilha mill-Artikoli 18 u 20 tar-Regolament Nru 1/2003, tadotta miżuri li jimplikaw l-akkuża li ġie mwettaq ksur u li jiddeterminaw konsegwenzi importanti fuq is-sitwazzjoni tal-impriżi suspettati. Min-naħa l-oħra, huwa biss fil-bidu tal-fażi amministrattiva kontradittorja li l-impriża kkonċernata hija informata, permezz tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, bl-elementi essenzjali kollha li l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuqhom f'dan l-istadju tal-proċedura, u li din l-impriża għandha dritt ta' aċċess għall-fajl sabiex jiġi ggarantit l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża tagħha. Konsegwentement, huwa biss wara li tintbagħat l-imsemmija dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li l-impriża kkonċernata tkun tista' ssostni kompletament id-drittijiet tad-difiża tagħha. Fil-fatt, kieku dawn id-drittijiet kienu estiżi għall-fażi ta' qabel ma tintbagħat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, l-effettività tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni tkun kompromessa, peress li l-impriża kkonċernata tkun, diġà matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, f'pożizzjoni li tidentifika l-informazzjoni li hija magħrufa mill-Kummissjoni u, b'hekk, dik li għada tista' tiġi moħbija minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, punt 25 iktar 'il fuq, punt 48, u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Madankollu, il-miżuri investigattivi adottati mill-Kummissjoni matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, b'mod partikolari l-miżuri ta' verifika u t-talbiet għal informazzjoni, jimplikaw min-natura tagħhom stess l-akkuża ta' ksur u jista' jkollhom riperkussjonijiet importanti fuq is-sitwazzjoni tal-impriżi suspetti. Għalhekk, għandu jiġi evitat li d-drittijiet tad-difiża jistgħu jiġu kompromessi b'mod irrimedjabbli matul din il-fażi tal-proċedura amministrattiva billi l-miżuri ta' investigazzjoni meħuda jista' jkollhom natura determinanti għall-istabbiliment tal-provi ta' natura illegali ta' mġiba ta' impriżi li tista' timplika r-responsabbiltà tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 1989, Hoechst vs Il-Kummissjoni, 46/87 u 227/88, Ġabra p. 2859, punt 15, u s-sentenza AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, punt 25 iktar 'il fuq, punti 50 u 51).

28 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li l-obbligu tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 li tindika l-bażi legali u l-għan tat-talba għal informazzjoni jikkostitwixxi rekwiżit fundamentali intiż biex tintwera n-natura ġustifikata tal-informazzjoni rikjesta mingħand l-impriżi kkonċernati, iżda anki biex dawn ikunu f'pożizzjoni li jagħrfu l-portata tal-obbligu ta' kollaborazzjoni tagħhom filwaqt li fl-istess ħin jippreżervaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom. Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni tista' titlob biss informazzjoni li tista' tippermettilha li tivverifika preżunzjonijiet ta' ksur li jiġġustifikaw il-kondotta tal-istħarriġ u li huma indikati fit-talba għal informazzjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1991, SEP vs Il-Kummissjoni, T-39/90, Ġabra p. II-1497, punt 25, u tat-8 ta' Marzu 1995, Société Générale vs Il-Kummissjoni, T-34/93, Ġabra p. II-545, punt 40).

29 Hekk kif enfasizza l-Avukat Ġenerali Jacobs fil-punt 30 tal-konklużjonijiet tiegħu fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 1994, SEP vs Il-Kummissjoni (C-36/92 P, Ġabra p. I-1911, I-1914), l-obbligu li jiġi indikat l-għan tat-talba jfisser "evidentement [li l-Kummissjoni] għandha tidentifika l-allegat ksur għar-regoli tal-kompetizzjoni", "[i]l-karattru neċessarju tal-informazzjoni għandu jiġi

evalwat fid-dawl tal-għan imsemmi fit-talba għal informazzjoni" u "[l]-għan għandu jiġi indikat bi preċiżjoni biżżejjed, għaliex inkella jkun impossibbli li jiġi stabbilit jekk l-informazzjoni hijiex neċessarja u l-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha".

30 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata tikkomunika lid-destinatarju ta' tali deċiżjoni l-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħha dwar l-allegat ksur, u lanqas li tagħmel analiżi legali preċiża ta' dan il-ksur, iżda hija għandha tindika b'mod ċar il-preżunzjonijiet li hija biħsiebha tinvestiga (sentenzi Société Générale vs Il-Kummissjoni, punt 28 iktar 'il fuq, punti 62 u 63, u Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, punt 22 iktar 'il fuq, punt 77).

31 Madankollu, ma jistax jiġi impost fuq il-Kummissjoni li tindika, fl-istadju tal-fażi tal-investigazzjoni preliminari, minbarra l-preżunzjonijiet ta' ksur li hija għandha l-intenzjoni li tivverifika, anki l-ħjiel, jiġifieri l-provi li jwassluha biex tasal għall-ipoteżi ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE. Fil-fatt, tali obbligu jpoġġi indiskussjoni l-bilanċ li tistabbilixxi l-ġurisprudenza bejn il-preżervazzjoni tal-effettività tal-investigazzjoni u l-preżervazzjoni tad-drittijiet tad-difiża tal-impriża kkonċernata.

32 F'dan il-każ, huwa indikat b'mod ċar fid-deċiżjoni kkontestata li din ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 u li l-prattiki investigati jistgħu jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 101 TFUE. Il-premessi 10 u 11 tagħha jirreferu espressament għas-sanzjonijiet u għad-dritt ta' rikors imsemmija fil-punt 23 iktar 'il fuq.

33 B'hekk, in-natura suffiċjentement motivata jew le tad-deċiżjoni kkontestata tiddependi b'mod esklużiv mill-punt jekk il-preżunzjonijiet ta' ksur li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tinvestiga humiex ippreċiżati bi kjarezza suffiċjenti.

34 Il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fuq dan il-punt tikkonsisti fir-referenza li tinsab fil-premessa 2 tad-deċiżjoni kkontestata li tgħid li "[i]l-ksur preżunt jikkonċerna restrizzjonijiet fil-flussi kummerċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), inklużi restrizzjonijiet ta' importazzjoni fiż-ŻEE provenjenti minn pajjiżi esterni għaż-ŻEE, tqassim tas-swieq, koordinament tal-prezzijiet u tal-prattiki antikompetittivi relatati mas-suq tas-siment u s-swieq tal-prodotti relatati".

35 Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata tirreferi b'mod espliċitu għad-deċiżjoni ta' tressiq tal-proċedura msemmija fil-punt 5 iktar 'il fuq, li fih informazzjoni supplimentari dwar il-firxa ġeografika tal-preżunzjonijiet ta' ksur kif ukoll dwar it-tip ta' prodotti kkunsidrati.

36 Il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata hija mfassla f'termini ġenerali ħafna li kienu jimmeritaw li jiġu ppreċiżati u għalhekk din għandha tiġi kkritikata f'dan ir-rigward. Madankollu, jista' jitqies li r-referenza għal restrizzjonijiet ta' importazzjoni fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), għal tqassim tas-swieq kif ukoll għal koordinament tal-prezzijiet fis-suq tas-siment u s-swieq tal-prodotti relatati, moqrija flimkien mad-deċiżjoni ta' tressiq tal-proċedura, tikkorrispondi għal-livell minimu ta' kjarezza li tippermetti li jiġu osservati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003.

37 Minn dan għandu jiġi dedott li d-deċiżjoni kkontestata hija mmotivata b'mod suffiċjenti fil-liġi. Konsegwentement, għandu jiġi deċiż ukoll li r-rikorrenti kienet f'pożizzjoni li tevalwa l-ħtieġa tal-informazzjoni mitluba.

38 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argumentazzjoni tar-rikorrenti bbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma ppreċiżatx il-perijodu kkonċernat mill-investigazzjoni tagħha. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma hijiex marbuta, b'applikazzjoni tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003, li tipprovdi motivazzjoni fuq dan il-punt.

39 Għaldaqstant, dan il-motiv għandu jiġi miċħud.

*Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq eċċess u fuq abbuż ta' poter min-naħa tal-Kummissjoni kif ukoll fuq tibdil tal-oneru tal-prova*

40 Ir-rikorrenti tikkunsidra li l-Kummissjoni eċċediet u abbużat is-setgħat tagħha billi adottat deċiżjoni bi skop purament ta' esplorazzjoni, meta deċiżjoni adottata abbażi tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 għandha sservi biss biex tikkonferma r-realtà tal-ħjiel li diġà jinsab fil-pussess tagħha. Din tilmenta li l-Kummissjoni ma ppreċiżatx l-għan tat-talba għal informazzjoni tagħha. Barra minn hekk, ir-rikorrenti tqis li l-emendi li l-Kummissjoni għamlet għad-diversi talbiet għal informazzjoni tagħha juru li hija ma kellhiex fil-pussess tagħha ħjiel li juri l-eżistenza ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni meta adottat id-deċiżjoni kkontestata. In-natura esploratorja tad-deċiżjoni kkontestata tirriżulta wkoll mir-risposta tal-Kummissjoni. Meta pproċediet b'dan il-mod, il-Kummissjoni qalbet ukoll l-oneru tal-prova, billi imponiet fuq l-impriżi kkonċernati li jipprovdulha l-provi li ser jintużaw kontrihom. Ir-rikorrenti ssostni li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk ikun il-każ, hija l-Kummissjoni li għandha twettaq investigazzjoni fis-settur b'applikazzjoni tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1/2003.

41 Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, sa fejn bil-motiv preżenti r-rikorrenti tilmenta li l-Kummissjoni ma ppreċiżatx l-għan tat-talba għal informazzjoni tagħha, il-motiv imsemmi jitħallat mal-argumentazzjoni ppreżentata fil-kuntest tal-ewwel motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni, u għalhekk għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet esposti fil-punti 21 sa 37 iktar 'il fuq.

42 Fit-tieni lok, għandu jiġi osservat li dan il-motiv jinkludi wkoll, essenzjalment, kritika bbażata fuq in-natura arbitrarja tad-deċiżjoni kkontestata, minħabba li l-Kummissjoni ma kinitx fil-pussess ta' ħjiel intiż biex jipprova l-eżistenza ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni qabel l-adozzjoni tagħha.

43 Ċertament, huwa minnu li l-ħtieġa ta' protezzjoni kontra interventi tal-awtorità pubblika fl-isfera ta' attività privata ta' persuna, kemm jekk din tkun fiżika jew ġuridika, li jkunu arbitrarji jew sproporzjonati, tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (sentenza Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, punt 22 iktar 'il fuq, punt 81).

44 Bl-istess mod, għandu jiġi enfasizzat li, għall-finijiet li jiġi osservat dan il-prinċipju ġenerali, deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni għandha tkun intiża biex tiġbor id-dokumentazzjoni neċessarja biex tivverifika r-realtà u l-portata ta' sitwazzjonijiet ta' fatt u ta' liġi determinati li l-Kummissjoni diġà għandha informazzjoni dwarhom, li jikkostitwixxu ħjiel serju biżżejjed biex jippermetti s-suspett ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ottubru 2002, Roquette Frères, C-94/00, Ġabra p. I-9011, punti 54 u 55).

45 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti tillimita ruħha biex tressaq ċertu ammont ta' kritika ġenerali fir-rigward tal-imġiba tal-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva. B'hekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, fin-nuqqas ta' talba espliċita u motivata tar-rikorrenti, ma hemmx lok għall-Qorti Ġenerali li tivverifika fuq inizjattiva tagħha stess jekk il-Kummissjoni kellhiex ħjiel serju biżżejjed li jiġġustifika l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Marzu 2013, Viega vs Il-Kummissjoni, C-276/11 P, punti 41 sa 43).

46 Fit-tielet lok u konsegwentement, il-kritika li l-Kummissjoni wettqet abbuż ta' poter bl-adozzjoni ta' deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 minflok investigazzjoni fis-settur għandha tiġi miċħuda, peress li r-rikorrenti ma tipprovax li l-Kummissjoni użat is-setgħat li hija għandha abbażi ta' din id-dispożizzjoni għal skop li kien estranju għaliha.

47 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li r-rikors għal investigazzjoni fis-settur abbażi tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1/2003 mhux neċessarjament ikollu natura inqas vinkolanti għar-rikorrenti minn deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni adottata abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003. Fil-fatt, b'applikazzjoni tal-Artikolu 23(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni għandha d-dritt li timponi multa f'każ ta' provvista ta' informazzjoni mhux eżatta, mhux kompluta jew żnaturata jew jekk ir-rikorrenti ma tipprovdix informazzjoni fit-terminu stabbilit, wara deċiżjoni

adottata abbażi tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1/2003. L-istess japplika għall-possibbiltà li jiġu imposti penali b'applikazzjoni tal-Artikolu 24(1)(d) ta' dan ir-regolament. Għalhekk, il-Kummissjoni tiddisponi mill-mezzi ta' koerċizzjoni identiċi fil-kuntest tal-proċeduri tal-Artikolu 17 u tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003.

48 Fir-raba' lok, f'dak li jikkonċerna l-kritika bbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni imponiet fuq ir-rikorrenti li tipprovdilha provi li ser jintużaw kontriha u, għalhekk, wettqet bidla fl-oneru tal-prova għad-detriment tagħha, din ser tiġi evalwata flimkien mal-argumentazzjoni tar-rikorrenti ppreżentata fil-kuntest tat-tielet motiv, li jikkontesta n-natura tal-informazzjoni mitluba, li huwa relatata magħha.

49 B'din ir-riżerva, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

*Fuq it-tielet motiv u fuq l-ewwel parti tar-raba' motiv, ibbażati fuq il-ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003*

50 Fil-kuntest tat-tielet motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, li jawtorizzaha biss biex timponi l-provvista ta' provi ta' natura fattwali li jinsabu fil-pussess tagħha u li huma neċessarji. Fl-ewwel lok, id-domandi 1D, 5R, 5S, 5T u 5V jimplikaw il-provvista ta' estimi u ta' opinjonijiet u għalhekk jaqbżu l-kuntest tal-provvista ta' provi ta' natura fattwali. L-istess japplika għad-domandi li jitolbuha tevalwa ċerti distanzi (domandi 1A, punt Y, 1B, punti AB u AC, 3, punti AB u AC u 4, punt Y). Fit-tieni lok, il-Kummissjoni titlob il-komunikazzjoni ta' informazzjoni li hija tirrikonoxxi li ma tinsabx jew li ma tistax tkun tinsab għand l-impriża kkonċernata. Fit-tielet lok, hija tqis l il-Kummissjoni titlobha l-provvista ta' informazzjoni li din setgħet tikseb waħedha.

51 Bl-ewwel parti tar-raba' motiv, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata bi ksur tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1/2003 peress li din titlob il-provvista ta' informazzjoni li ma hijiex "neċessarja" skont dawn id-dispożizzjonijiet.

52 Il-Kummissjoni titlob li dawn iż-żewġ motivi jiġi miċħuda.

53 Sa fejn it-tielet motiv u l-ewwel parti tar-raba' motiv huma t-tnejn ibbażati fuq ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, il-Qorti Ġenerali tqis li dawn għandhom jiġu evalwati flimkien.

Fuq in-natura tal-informazzjoni mitluba

54 Fil-kuntest tat-tielet motiv tagħha, ir-rikorrenti tikkontesta d-dritt tal-Kummissjoni li timponilha li tirrispondi għad-domandi li, minn naħa, jaqbżu l-kuntest tal-provvista ta' provi ta' natura fattwali jew, min-naħa l-oħra, jirrigwardaw informazzjoni li ma tinsabx fil-pussess tagħha.

55 Għandu jitfakkar li, skont il-premessa 23 tar-Regolament Nru 1/2003, il-"Kummissjoni għandha jkollha is-saħħa madwar [l-Unjoni] li tirrekwiżixxi l-informazzjoni li tiġi mogħtija kif neċċessarju biex tiskopri xi ftehim, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma projbiti mil-Artikolu [101 TFUE] tat-Trattat jew xi abbuż ta' posizzjonijiet dominanti projbiti mil-Artikolu [102 TFUE] tat-Trattat". Dan iżid li "[m]eta qed taqbel ma deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-impriża ma tistax tiġi infurżata li tammetti sar xi ksur, imma huma obligati li jwieġbu għad-domandi b'mod fattwali u jipprovdu dokumenti, anki jekk din l-infromazzjoni tista tiġi użata biex jiġi stabbilit kontrijhom jew kontra xi impriża oħra l-eżistenza ta' xi ksur".

56 Għalhekk, peress li bil-provvista ta' "informazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 għandha tinftiehem mhux biss il-preżentazzjoni ta' dokumenti, iżda anki l-obbligu li jingħataw risposti għal domandi li jirrigwardaw id-dokumenti msemmija, il-Kummissjoni ma hijiex limitata biss għat-talba ta' preżentazzjoni ta' informazzjoni eżistenti indipendentement minn kull intervent tal-impriża kkonċernata. Għalhekk, ikun mixtieq li din tibgħat lil impriża domandi li jimplikaw

il-formalizzazzjoni tal-informazzjoni mitluba (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Darmon fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ottubru 1989, Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, Ġabra p. 3283, 3301, punt 55).

57 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-eżerċizzju ta' din il-prerogattiva huwa suġġett għall-osservanza ta' mill-inqas żewġ prinċipji. Minn naħa, hekk kif inhu mfakkar fil-premessa 23 tar-Regolament Nru 1/2003, id-domandi mibgħuta lil impriża ma jistgħux jobbligawha tammetti li hija wettqet ksur. Min-naħa l-oħra, il-provvista tar-risposti għad-domandi msemmija ma għandhiex tirrappreżenta oneru sproporzjonat meta mqabbel man-neċessitajiet tal-investigazzjoni (sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1991, SEP vs Il-Kummissjoni, punt 28 iktar 'il fuq, punt 51; tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et.* vs Il-Kummissjoni, T-191/98, T-212/98 sa T-214/98, Ġabra p. II-3275, punt 418, u Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, punt 22 iktar 'il fuq, punt 81).

58 Peress li hija kkontestata n-natura eventwalment sproporzjonata tal-oneru involut fir-risposta għad-deċiżjoni kkontestata fil-kuntest tat-tieni parti tar-raba' motiv, f'dan l-istadju huwa biżżejjed li jiġi vverifikat jekk ċerti kwistjonijiet setgħux iġiegħlu lir-rikorrenti tammetti li hija kienet wettqet ksur.

59 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Kummissjoni ma tistax timponi fuq impriża l-obbligu li tagħti risposti li bihom din titwassal biex tammetti l-eżistenza tal-ksur li hija l-Kummissjoni li għandha tipprovah (sentenza Orkem vs Il-Kummissjoni, punt 56 iktar 'il fuq, punti 34 u 35, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' April 2010, Amann & Söhne u Cousin Filterie vs Il-Kummissjoni, T-446/05, Ġabra p. II-1255, punt 325).

60 Il-ġurisprudenza tfakkar ukoll li ma jistax jiġi rikonoxxut dritt għal silenzju assolut lil impriża destinatarja ta' deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003. Fil-fatt, ir-rikonoxximent ta' tali dritt imur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġu ppreżervati d-drittijiet tad-difiża tal-impriżi u jikkostitwixxi xkiel inġustifikat għat-twettiq, mill-Kummissjoni, tal-missjoni li tiżgura l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni fis-suq intern. Dritt għal silenzju jista' jiġi rrikonoxxut biss sa fejn l-impriża kkonċernata tkun obbligata tagħti risposti li permezz tagħhom hija jkollha tammetti l-eżistenza tal-ksur fejn hija l-Kummissjoni li trid tistabbilixxi dan (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza Amann & Söhne u Cousin Filterie vs Il-Kummissjoni, punt 59 iktar 'il fuq, punt 326).

61 Sabiex jiġi ppreżervat l-effett utli tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni hija, konsegwentement, intitolata tobbliga lill-impriżi sabiex jagħtu l-informazzjoni kollha neċessarja dwar il-fatti li huma jkunu jafu bihom u sabiex ifornuha, jekk meħtieġ, bid-dokumenti relatati li jkunu fil-pussess tagħhom, anki jekk dan jista' jservi sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' aġir anti-kompetittiv. Din is-setgħa għall-informazzjoni tal-Kummissjoni ma tmur la kontra l-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, u lanqas kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din lanqas ma tmur kontra l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza Amann & Söhne u Cousin Filterie vs Il-Kummissjoni, punt 59 iktar 'il fuq, punt 327).

62 Il-fatt tal-obbligu li tingħata risposta għad-domandi purament fattwali magħmula mill-Kummissjoni u li tiġi ssodisfatta t-talba tagħha għall-preżentazzjoni ta' dokumenti preeżistenti ma jistax jikser il-prinċipju fundamentali tal-osservanza tad-drittijiet tad-difiża stabbiliti fl-Artikolu 48(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll dak ta' dritt għal smigħ xieraq, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li joffru, fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, protezzjoni ekwivalenti għal dik żgurata mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Xejn fil-fatt ma jwaqqaf lid-destinatarju ta' talba għal informazzjoni milli juri, iktar tard fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva jew waqt proċedura quddiem il-Qorti

tal-Unjoni, li l-fatti esposti fir-risposti tagħha jew id-dokumenti kkomunikati għandhom tifsira differenti minn dik ikkunsidrata mill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza Amann & Söhne u Cousin Filterie vs Il-Kummissjoni, punt 59 iktar 'il fuq, punt 328).

63 B'hekk, impriża ma tistax tirrifjuta talba għall-preżentazzjoni ta' dokumenti għar-raġuni li, jekk tipproċedi b'din il-preżentazzjoni, hija tkun imġiegħla tixhed kontriha stess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 2006, Il-Kummissjoni vs SGL Carbon, C-301/04 P, Ġabra p. I-5915, punt 48). Fir-rigward tar-risposti għad-domandi li l-Kummissjoni tista' tibgħat lill-impriżi, għandha ssir distinzjoni skont jekk dawn jistgħux jiġu kkwalifikati bħala purament fattwali jew le. Huwa biss fl-eventwalità fejn domanda ma tkunx tista' tiġi kkwalifikata bħala purament fattwali li għandu jiġi vverifikat jekk din tinvolvix risposta li biha l-impriża kkonċernata titwassalx biex tammetti l-eżistenza tal-ksur li hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi l-prova tiegħu.

64 Fl-ewwel lok, għandu jiġi osservat li d-domandi 5R, 5S, 5T u 5V jirrigwardaw il-produzzjoni massima ta' CEM I, l-użu totali tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni, l-użu totali tal-kapaċitajiet ta' tħin u l-volum ta' produzzjoni annwali u b'hekk għandhom dimensjoni esklużivament fattwali.

65 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali tqis li l-istess jgħodd għad-domandi 1A, punt Y, 1B, punt AB, 1B, punt AC, 3, punt AB, 3, punt AC u 4, punt Y, sa fejn l-evalwazzjoni mitluba mingħand ir-rikorrenti dwar id-distanzi li kellhom jinqasmu għandha karattru esklużivament fattwali.

66 Fit-tielet lok, f'dak li jikkonċerna d-domanda 1D, din hija mfassla b'dan il-mod:

"Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fir-risposti għad-diversi domandi tal-kwestjonarju, jekk jogħġbok iddeskrivi l-metodu li l-impriża tiegħek tqis xieraq għall-kalkolu tal-marġini gross trimestrali:

1) għall-operazzjonijiet individwali;

2) għall-operazzjonijiet imqassma skont is-sotto diviżjoni applikata fid-domandi li jirrigwardaw il-bejgħ intern u l-bejgħ għall-esportazzjoni, għal kull sit ta' provvista;

3) għal kull sit ta' provvista."

67 Għandu jiġi kkonstatat li, b'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni timponi fuq ir-rikorrenti li tadotta pożizzjoni fuq il-metodu li għandu jiġi segwit għall-kalkolu tal-marġini gross trimestrali. Għaldaqstant, din ma tistax tiġi kkwalifikata bħala purament fattwali sa fejn titlob lir-rikorrenti biex twettaq evalwazzjoni. B'dan il-mod, hija tiddistingwi ruħha mid-domanda 1C li tippreċediha, li fiha dimensjoni esklużivament fattwali peress li fiha tintalab il-komunikazzjoni tal-"marġni kollha kkalkolati mi[ll-]impriża fil-kuntest tal-attivitajiet kummerċjali tagħha għal kull pajjiż".

68 B'hekk, għandu jiġi vverifikat jekk ir-risposta għad-domanda 1D tistax twassal lir-rikorrenti biex tammetti l-eżistenza ta' ksur li hija l-Kummissjoni li għandha tipprova l-eżistenza tiegħu.

69 Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali tirrileva li huwa b'mod żbaljat li l-Kummissjoni ssostni li kien mixtieq li r-rikorrenti ma tipprovdix risposta għal din id-domanda minħabba li l-paragrafu 4 tal-Anness II(a) tad-deċiżjoni kkontestata dwar l-istruzzjonijiet li kellhom jiġu segwiti biex tingħata risposta għall-kwestjonarju tal-Anness I tipprevedi l-possibbiltà li tingħata risposta billi tinkiteb it-taqsira "UNK", li tirreferi għat-terminu bl-Ingliż "unknown" (mhux magħruf).

70 Ċertament, huwa minnu li l-fatt li impriża tkun ħielsa li tirrispondi jew li ma tirrispondix għal domanda li tkun saritilha jipprekludi li l-Kummissjoni titqies li timponi fuq din l-obbligu li tipprovdi risposti li bihom hija tasal biex tammetti l-eżistenza ta' ksur li hija l-Kummissjoni li għandha tipprova

l-eżistenza tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' April 1999, Limburgse Vinyl Maatschappij *et.* vs Il-Kummissjoni, T-305/94 sa T-307/94, T-313/94 sa T-316/94, T-318/94, T-325/94, T-328/94, T-329/94 u T-335/94, Ġabra p. II-931, punti 455 u 456).

71 Madankollu, għandu jitfakkar li din il-ġurisprudenza kienet tikkonċerna domanda li tinsab f'sempliċi talba għal informazzjoni, att nieqes minn saħħa vinkolanti, li għalih ma teżisti ebda ambigwità fir-rigward tal-libertà tal-impriża kkonċernata li ma tirrispondix.

72 Issa, f'dan il-każ ma jeżistix tali nuqqas ta' ambigwità. Minn naħa, id-domanda 1D hija mfassla b'mod imperattiv, li tagħti x'jinftiehem li r-rikorrenti hija marbuta li tirrispondiha. Min-naħa l-oħra, mill-qari tal-paragrafu 4 tal-Anness II(a) tad-deċiżjoni kkontestata ma jistax jiġi dedott li r-rikorrenti ngħatat b'mod ċar il-possibbiltà li ma tirrispondix id-domanda 1D. Fil-fatt, dan il-paragrafu jenfasizza li l-"prinċipju ġenerali huwa li għandha tingħata l-informazzjoni kollha li tinsab għand [l-]impriża" u li huwa biss "jekk l-informazzjoni mitluba ma tinsabx taħt ebda forma għand [din l-]impriża [li hija għandha] timmarka b'mod ċar u sistematiku l-informazzjoni nieqsa fil-fajls Excel billi tuża t-taqsira 'UNK' (mhux disponibbli/mhux magħruf)". Għalhekk, dan ma jkoprix is-sitwazzjoni ta' impriża li ma tixtieqx tirrispondi għal domanda li tkun saritilha.

73 F'dak li jikkonċerna l-punt jekk id-domanda 1D tistax tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, ċertament għandu jiġi rrilevat li, f'kuntest fejn ir-rikorrenti hija wkoll mitluba li tippreżenta informazzjoni fattwali dwar il-marġni ta' profitti tagħha, l-evalwazzjoni li hija għandha tipprovdi abbażi tad-domanda 1D tammonta għall-iżvelar tal-livell tal-marġni ta' profitt tagħha, minkejja li dan jista' jikkostitwixxi ħjiel li juri l-eżistenza ta' prattiki li jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

74 Madankollu, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-possibbiltà mogħtija lir-rikorrenti fi stadju ulterjuri tal-proċedura amministrattiva jew fil-kuntest ta' rikors kontra d-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni li tinvoka interpretazzjoni differenti għar-risposta tagħha għad-domanda 1D minn dik li tista' tadotta l-Kummissjoni.

75 F'dan ir-rigward, għandha ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet.

76 Minn naħa, meta l-Kummissjoni tikkonstata ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni billi tibbaża ruħha fuq is-suppożizzjoni li l-fatti stabbiliti ma jistgħux jiġu spjegati b'mod ieħor milli abbażi tal-eżistenza ta' aġir li jikkostitwixxi ksur, il-Qorti tal-Unjoni jkollha tannulla d-deċiżjoni inkwistjoni meta l-impriżi kkonċernati jressqu argumentazzjoni li tagħti spjegazzjoni differenti għall-fatti stabbiliti mill-Kummissjoni u li b'hekk tippermetti li tissostitwixxi spjegazzjoni plawżibbli tal-fatti differenti minn dik adottata mill-Kummissjoni biex tikkonkludi li jeżisti ksur. Fil-fatt, f'tali każ, ma jistax jitqies li l-Kummissjoni tkun ressqet il-prova tal-eżistenza ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni, C-89/11 P, punt 74, u l-ġurisprudenza ċċitata). Domandi li, minkejja li ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala purament fattwali, jinvolvu risposta li l-interpretazzjoni tagħha mill-Kummissjoni tista' tiġi kkontestata skont tali metodi mill-impriża kkonċernata ma joħolqux dritt ta' silenzju favuriha.

77 B'hekk, min-naħa l-oħra, meta l-Kummissjoni tkun setgħet tistabbilixxi li impriża tkun ipparteċipat f'laqgħat bejn impriżi ta' natura manifestament anti-kompetittiva, tkun l-impriża kkonċernata li jkollha tipprovdi spjegazzjoni differenti tal-kontenut ta' dawn il-laqgħat. Fi kliem ieħor, meta l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq provi li, bħala prinċipju, huma suffiċjenti sabiex juru li jeżisti ksur, ma huwiex biżżejjed li l-impriża kkonċernata ssemmi l-possibbiltà li seħħ fatt li jista' jaffettwa l-valur probatorju tal-imsemmija provi sabiex il-Kummissjoni jkollha l-oneru li tipprova li dan il-fatt ma setax jaffettwa l-valur probatorju tal-provi. B'mod kuntrarju, ħlief fil-każijiet fejn tali prova ma tistax tiġi ppreżentata mill-impriża kkonċernata minħabba l-aġir tal-Kummissjoni stess, tkun l-impriża kkonċernata li jkollha tipprova b'mod suffiċjenti fil-liġi, minn naħa, l-eżistenza tal-fatt li hija tinvoka u, min-naħa l-oħra, li dan il-fatt iqiegħed indiskussjoni l-valur tal-provi li tibbaża ruħha fuqhom il-Kummissjoni (ara s-sentenza E.ON Energie vs Il-Kummissjoni, punt 76 iktar 'il fuq, punti 75 u 76, u l-ġurisprudenza

ċċitata). Fir-rigward tad-domandi li għandhom l-għan jew l-effett li jwassluwha biex tipprovdi lill-Kummissjoni b'tali provi, impriża għandha neċessarjament id-dritt għas-silenzju. Fil-fatt, f'każ kuntrarju, hija titwassal biex tammetti l-eżistenza tal-ksur li hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi l-prova tiegħu skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 60 iktar 'il fuq.

78 Għandu jiġi kkonstatat li d-domanda 1D ma teħtieġx risposta li tista' titqies li hija biżżejjed biex turi l-eżistenza ta' waħda jew iktar mill-preżunzjonijiet ta' ksur li l-Kummissjoni tinvestiga fuqhom, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 76 iktar 'il fuq. B'hekk, fl-eventwalità fejn il-Kummissjoni tinvoka kontra r-rikorrenti l-evalwazzjoni maħruġa abbażi tar-risposta tagħha għad-domanda 1D, ir-rikorrenti tkun tista', jekk ikun il-każ, tinvoka interpretazzjoni għar-risposta tagħha differenti minn dik adottata mill-Kummissjoni.

79 Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni, meta imponiet fuq ir-rikorrenti li tirrispondi għad-domanda 1D, ma kisritx id-drittijiet tad-difiża tagħha.

80 Finalment, fir-rigward tal-kritika tar-rikorrenti bbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni timponilha li tipprovdi informazzjoni li ma tinsabx fil-pussess tagħha, għandu jitfakkar li, minn naħa, ir-rikorrenti għandha obbligu ta' kollaborazzjoni attiva, li jimplika li hija żżomm għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-informazzjoni kollha relattiva għas-suġġett tal-investigazzjoni (sentenzi Orkem vs Il-Kummissjoni, punt 56 iktar 'il fuq, punt 27, u Société Générale vs Il-Kummissjoni, punt 28 iktar 'il fuq, punt 72), u, min-naħa l-oħra, għar-raġunijiet invokati fil-punti 55 sa 57 iktar 'il fuq, huwa mixtieq li l-Kummissjoni tindirizzalha domandi li jinvolvu l-formalizzazzjoni tal-informazzjoni mitluba.

81 F'kull każ, għandu jiġi enfasizzat li, għalkemm, għar-raġunijiet imsemmija fil-punt 72 iktar 'il fuq, il-paragrafu 4 tal-Anness II(a) tad-deċiżjoni kkontestata ma jkoprix is-sitwazzjoni ta' impriża li ma tixtieqx tirrispondi għal domanda li tkun saritilha, dan japplika fir-rigward ta' informazzjoni li r-rikorrenti ma għandhiex għad-dispożizzjoni tagħha.

82 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali tqis li r-rikorrenti tilmenta b'mod żbaljat li d-deċiżjoni kkontestata imponiet fuqha l-obbligu li tipprovdi informazzjoni li ma kinitx tinsab fil-pussess tagħha.

83 Għalhekk, l-ilmenti dwar in-natura tal-informazzjoni mitluba għandhom jiġu miċħuda.

Fuq in-neċessità tal-informazzjoni mitluba

84 Hekk kif diġà ġie enfasizzat fil-punt 28 iktar 'il fuq, mill-Kummissjoni tista' tiġi mitluba biss il-komunikazzjoni ta' informazzjoni li tista' tippermettilha li tivverifika l-preżunzjonijiet ta' ksur li jiġġustifikaw l-iżvolġiment tal-investigazzjoni u li huma indikati fit-talba għal informazzjoni (sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1991, SEP vs Il-Kummissjoni, punt 28 iktar 'il fuq, punt 25, u Société Générale vs Il-Kummissjoni, punt 28 iktar 'il fuq, punt 40).

85 Fid-dawl tas-setgħa ta' investigazzjoni u ta' verifika wiesgħa tal-Kummissjoni, hija din tal-aħħar li għandha tevalwa n-neċessità tal-informazzjoni li din titlob mingħand l-impriżi kkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 1982, AM & S Europe vs Il-Kummissjoni, 155/79, Ġabra p. 1575, punt 17, u Orkem vs Il-Kummissjoni, punt 56 iktar 'il fuq, punt 15). F'dak li jikkonċerna l-istħarriġ li l-Qorti Ġenerali teżerċita fuq din l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja" għandu jiġi interpretat skont l-għanijiet li fid-dawl tagħhom is-setgħat ta' investigazzjoni inkwistjoni ngħataw lill-Kummissjoni. B'hekk, tiġi ssodisfatta l-ħtieġa ta' relazzjoni bejn it-talba għal informazzjoni u l-ksur preżunt, meta, f'dan l-istadju tal-proċedura, it-talba msemmija tista' leġittimament titqies li għandha relazzjoni mal-ksur preżunt, fis-sens li l-Kummissjoni tista' raġjonevolment tissupponi li d-dokument

ser jgħina tiddetermina l-eżistenza tal-ksur allegat (sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1991, SEP vs Il-Kummissjoni, punt 28 iktar 'il fuq, punt 29, u Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, punt 22 iktar 'il fuq, punt 42).

86 Essenzjalment, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi. Fil-kuntest tat-tielet motiv tagħha, ir-rikorrenti tikkontesta d-dritt tal-Kummissjoni li titlobha l-provvista ta' informazzjoni li din setgħet tikseb waħedha (l-ewwel ilment). Fil-kuntest tal-ewwel parti tar-raba' motiv tagħha, ir-rikorrenti tikkontesta n-neċessità skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1/2003 tal-obbligu li tingħata informazzjoni pprovduta preċedentement (it-tieni lment) kif ukoll l-użu ta' forma differenti, bl-użu ta' kriterji u varjanti differenti (it-tielet ilment). Hija tikkontesta wkoll il-ħtieġa ta' ċerta informazzjoni supplementari mitluba mill-Kummissjoni abbażi tad-deċiżjoni kkontestata (ir-raba' lment).

– Fuq l-allegazzjoni bbażata fuq in-natura pubblika ta' ċerta informazzjoni mitluba

87 Fil-kuntest ta' dan l-ilment, ir-rikorrenti essenzjalment tikkontesta n-natura neċessarja tad-domandi li jirrigwardaw il-kodiċi postali tas-siti ta' provvista, tas-siti ta' destinazzjoni u tal-post ta' trasport jew li jinvolvu l-kalkolu tad-distanzi tal-vjaġġ tal-prodott, tal-post ta' provvista sal-post tat-trasport, minħabba li l-informazzjoni mitluba għandha natura pubblika.

88 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li tali informazzjoni, għalkemm min-natura tagħha hija aċċessibbli għall-Kummissjoni, tikkostitwixxi l-konsegwenza loġika ta' informazzjoni li tinsab biss fil-pussess tar-rikorrenti. Għaldaqstant, l-eventwali natura pubblika tagħhom ma hijiex tali li tipprekludi li din tista' titqies bħala neċessarja fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1/2003.

– Fuq l-allegazzjoni bbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni kellha fil-pussess tagħha ċerta informazzjoni mitluba preċedentement għad-deċiżjoni kkontestata

89 Ir-rikorrenti tikkontesta d-dritt tal-Kummissjoni li titlobha informazzjoni li ġiet ipprovduta preċedentement.

90 Il-Qorti Ġenerali tirrileva li fil-premessa 6 tad-deċiżjoni kkontestata hemm ippreċiżat is-segwenti:

"F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni titlob lir-rikorrenti, permezz ta' deċiżjoni, biex tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-kwestjonarju tal-Anness I ta' din id-deċiżjoni. L-Anness I jieħu inkunsiderazzjoni sa fejn huwa meħtieġ ir-risposti għall-ittri msemmija fil-[premessa 4] ta' din id-deċiżjoni u l-preżentazzjonijiet magħmula mill-impriża investigata matul l-investigazzjoni. Xi informazzjoni diġà ntalbet mingħand [ir-rikorrenti] abbażi tal-Artikolu 18(2) iżda qed terġa tintalab fl-Anness I bil-għan li tinkiseb risposta eżawrjenti, koerenti u konsolidata. Barra minn hekk, fl-Anness I tintalab informazzjoni supplimentari meħtieġa wkoll biex tkun tista' tiġi evalwata l-kompatibbiltà tal-prattiki investigati mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE billi jkun hemm għarfien sħiħ tal-fatti u tal-kuntest ekonomiku eżatt tagħhom."

91 Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni essenzjalment tressaq żewġ ġustifikazzjonijiet insostenn tat-talba għal informazzjoni tagħha: minn naħa, ir-rieda "li tikseb risposta eżawrjenti, koerenti u konsolidata" u, min-naħa l-oħra, it-tfittxija għal informazzjoni supplimentari meta mqabbel ma' dik ipprovduta preċedentement.

92 F'dak li jikkonċerna l-ewwel ġustifikazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni, għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata tidher li effettivament kienet, għall-inqas parzjalment, ġiet adottata għall-finijiet li tinkiseb, b'mod partikolari, mingħand ir-rikorrenti, verżjoni kkonsolidata tar-risposti li din ipprovdiet preċedentement.

93 Għandu jiġi osservat li d-domandi 1A, 1Ei) sa 1Eiii), 1F, sa 5, 9A, 9B u 10 tal-Anness I tad-deċiżjoni kkontestata għandhom għan simili, rispettivament, għal dak tad-domandi inizjali 8, 31, 39, 10, 18, 17, 28, tad-domanda inizjali 40(a) u (b), u tad-domanda inizjali 7.

94 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat, hekk kif ammettiet il-Kummissjoni waqt is-seduta, li l-ewwel għaxar domandi tal-kwestjonarju li jinsab fl-Anness I tad-deċiżjoni kkontestata huma identiċi għal dawk li jinsabu annessi mad-deċiżjonijiet mibgħuta lis-seba' impriżi l-oħra kkonċernati mill-proċedura msemmija fil-punt 5 iktar 'il fuq. Minn dan jista' jiġi dedott biss li l-Kummissjoni ma wettqitx individwalizzazzjoni tad-domandi mibgħuta lil kull waħda mill-impriżi kkonċernati, skont il-livell ta' preċiżjoni u tal-kwalità tar-risposti preċedenti.

95 Għaldaqstant, jista' jitqies li d-deċiżjoni kkontestata għandha, għall-inqas parzjalment, l-għan li tikseb verżjoni kkonsolidata tal-informazzjoni pprovduta preċedentement. Din l-impressjoni hija msaħħa min-natura eċċessivament preċiża tal-indikazzjonijiet tal-kwestjonarju relattivi għall-forma li fiha għandhom jiġu ppreżentati r-risposti. Għalhekk, ma hemmx dubju li l-Kummissjoni trid tikseb risposti taħt forma li tippermetti faċilità ikbar fil-paragun tal-informazzjoni miġbura mingħand l-impriżi kkonċernati.

96 Madankollu għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali, fis-sentenza tagħha Atlantic Container Line *et.* vs Il-Kummissjoni, punt 57 iktar 'il fuq (punt 425), enfasizzat li talbiet għal informazzjoni intiżi biex tinkiseb informazzjoni fuq dokument li diġà jinsab fil-pussess tal-Kummissjoni ma setgħux jitqiesu bħala ġustifikati min-neċessitajiet tal-investigazzjoni.

97 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, sabiex deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità, ma huwiex biżżejjed li l-informazzjoni mitluba tkun marbuta mas-suġġett tal-investigazzjoni. Hemm bżonn ukoll li l-obbligu ta' provvista ta' informazzjoni, impost fuq impriża, ma jkunx jirrappreżenta għal din tal-aħħar oneru sproporzjonat meta mqabbel man-neċessitajiet tal-investigazzjoni (sentenzi Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni, punt 57 iktar 'il fuq, punt 418, u Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, punt 22 iktar 'il fuq, punt 81).

98 Minn dan għandu jiġi dedott li deċiżjoni li timponi fuq id-destinatarju li jipprovdi mill-ġdid informazzjoni li ntalbet preċedentement minħabba li xi informazzjoni hija skorretta, fil-fehma tal-Kummissjoni, tista' tidher li tirrappreżenta oneru eċċessiv meta mqabbel man-neċessitajiet tal-investigazzjoni u għalhekk, ma hija konformi la mal-prinċipju ta' proporzjonalità u lanqas mar-rekwiżit ta' neċessità. Fil-fatt, huwa mixtieq li l-Kummissjoni, f'tali konfigurazzjoni, tidentifika b'mod preċiż l-informazzjoni li hija tqis li għandha tiġi korretta mill-impriża kkonċernata.

99 Bl-istess mod, it-tfittxija ta' faċilità ta' trattament tar-risposti pprovduti mill-impriża ma tistax tiġġustifika li jiġi impost fuq dawn l-impriżi l-obbligu li jipprovdu taħt forma ġdida informazzjoni li diġà tinsab fil-pussess tal-Kummissjoni. Għalkemm l-impriżi għandhom obbligu ta' kollaborazzjoni attiva, li jimplika li għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-informazzjoni kollha relattiva għas-suġġett tal-investigazzjoni (sentenzi Orkem vs Il-Kummissjoni, punt 56 iktar 'il fuq, punt 27, u Société Générale vs Il-Kummissjoni, punt 28 iktar 'il fuq, punt 72), dan l-obbligu ta' kollaborazzjoni attiva ma jistax jestendi sal-bdil tal-forma ta' informazzjoni li diġà tinsab fil-pussess tal-Kummissjoni.

100 B'hekk, f'dawn iċ-ċirkustanzi, għandha tiġi vverifikata l-fondatezza tat-tieni ġustifikazzjoni mressqa mill-Kummissjoni, ibbażata fuq il-ħtieġa li tinkiseb informazzjoni supplimentari.

101 Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 84 u 85 iktar 'il fuq, għandu jitqies li deċiżjoni tal-Kummissjoni li titlob il-provvista ta' informazzjoni iktar preċiża minn dik li tkun diġà ngħatat għandha titqies bħala ġustifikata min-neċessitajiet tal-investigazzjoni. Fil-fatt, ir-riċerka tal-elementi

kollha rilevanti li jikkonfermaw jew li jiċħdu l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tista' timplika li l-Kummissjoni titlob lill-impriżi biex jippreċiżaw jew jagħtu d-dettalji ta' ċerta informazzjoni ta' natura fattwali li kienet ġiet ikkomunikata lilha preċedentement.

102 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li ċerti kwistjonijiet jikkonċernaw informazzjoni mhux mitluba abbażi tat-talbiet għal informazzjoni preċedenti. Dan japplika għas-sensiliet ta' domandi 1B, 1C, 1G, 6A, 6B, 7, 8A sa 8C, 9C u 11.

103 Barra minn hekk, f'dak li jikkonċerna d-domandi 1A, 1Ei) sa 1Eiii), 1F, 2 sa 5, 9A, 9B u 10 tal-Anness I tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi kkonstatat li dawn jinvolvu, fir-realtà, il-provvista ta' informazzjoni supplimentari meta mqabbel ma' dik ipprovduta abbażi tat-talbiet għal informazzjoni preċedenti, peress li dawn fihom livell ta' preċiżjoni superjuri, minħabba l-bdil tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jew taż-żieda ta' varjanti supplimentari.

104 Għalhekk, għandu jiġi konkluż li l-fatt li l-kwestjonarju li jikkostitwixxi l-Anness I tad-deċiżjoni kkontestata huwa intiż biex jikseb kemm informazzjoni ġdida, kif ukoll informazzjoni iktar dettaljata, jista' jiġġustifika n-natura neċessarja tal-informazzjoni mitluba.

105 Għalhekk, l-ilment preżenti għandu jiġi miċħud.

– Fuq l-ilment li jikkontesta n-neċessità tal-livell ta' preċiżjoni supplimentari meħtieġ mid-deċiżjoni kkontestata

106 Ir-rikorrenti tqis li, fir-rigward tad-domandi li l-għan tagħhom huwa essenzjalment identiku għal dak tat-talbiet għal informazzjoni preċedenti, il-livell ta' preċiżjoni supplimentari tal-kwestjonarju ma kellux natura neċessarja, fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1/2003. B'mod iktar partikolari, din tikkontesta l-ħtieġa li tinbidel il-preżentazzjoni formali tal-informazzjoni, il-bdil tal-kriterji ta' kalkolu u tad-definizzjonijiet użati, kif ukoll iż-żieda ta' varjanti ġodda.

107 Fil-punt 101 iktar 'il fuq ġie espost li n-neċessitajiet tal-investigazzjoni jistgħu jiġġustifikaw li l-Kummissjoni titlob lill-impriżi biex jippreċiżaw jew jagħtu d-dettalji ta' ċerta informazzjoni ta' natura fattwali li tkun ġiet ikkomunikata lilha preċedentement.

108 Barra minn hekk, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura teknika ħafna tas-settur ekonomiku kkonċernat mill-investigazzjoni, peress li din tista' tiġġustifika l-adozzjoni ta' kwestjonarju supplimentari intiż biex jirranġa u jippreċiża l-informazzjoni li tinsab diġà fil-pussess tal-Kummissjoni.

109 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali tqis li l-bdil magħmul meta mqabbel mad-domandi inizjali għandu jitqies bħala neċessarju għall-evalwazzjoni tal-preżunzjonijiet ta' ksur ikkunsidrati mid-deċiżjoni kkontestata.

– Fuq l-ilment li jikkontesta l-ħtieġa tal-informazzjoni supplimentari mitluba

110 Ir-rikorrenti tqis li l-informazzjoni supplimentari mitluba mill-Kummissjoni ma tistax titqies bħala neċessarja fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1/2003. B'mod speċifiku, din tirreferi għad-domandi 1A, 1B, 5, għad-domanda 5, punt Y, għad-domanda 7, punti G u H.

111 Fl-ewwel lok, f'dak li jikkonċerna n-natura neċessarja tal-inklużjoni tas-CEM I bil-barmil u tal-clinker f'dak li jikkonċerna l-bejgħ intern (domanda 1A) u x-xiri intern (domanda 1B), biżżejjed li jiġi osservat li dawn il-prodotti jikkostitwixxu varjetajiet ta' siment u li, għalhekk, informazzjoni dwar il-prezz tat-tranżazzjonijiet tagħhom tidher, min-natura tagħha stess, li għandha relazzjoni, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 84 iktar 'il fuq, mal-preżunzjonijiet ta' ksur imsemmija fid-deċiżjoni kkontestata.

112 Fit-tieni lok, f'dak li jikkonċerna d-domanda 5, id-domanda 5, punt Y, u d-domanda 7, punti G u H, jidher li r-rikorrenti tikkontesta l-utilità tal-informazzjoni mitluba. Essenzjalment, ċerti ċirkustanzi injorati mill-Kummissjoni fit-tfassil tal-kwestjonarju jċaħħdu l-informazzjoni pprovduta mill-affidabbiltà.

113 Għandu jitfakkar li l-għan tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari li bih ittieħdet id-deċiżjoni kkontestata huwa li jippermetti lill-Kummissjoni tiġbor l-elementi kollha rilevanti li jikkonfermaw jew le l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u sabiex tieħu l-ewwel pożizzjoni dwar l-orjentazzjoni kif ukoll is-segwitu tal-proċedura. Min-naħa l-oħra, il-fażi kontradittorja, li testendi għall-komunikazzjoni tal-ilmenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni finali, għandha tippermetti lill-Kummissjoni biex tippronunzja ruħha b'mod definittiv fuq il-ksur ilmentat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, punt 25 iktar 'il fuq, punt 47).

114 B'hekk, peress li d-domanda 5, id-domanda 5, punt Y, u d-domanda 7, punti G u H, huma intiżi biex jiksbu informazzjoni li tista' titqies b'mod leġittimu li għandha relazzjoni mal-preżunzjonijiet ta' ksur li jiġġustifikaw it-tmexxija tal-investigazzjoni, il-kritika bbażata fuq in-nuqqas ta' affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta ma għandhiex impatt fuq il-legalità tat-talba għal informazzjoni. Hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tevalwa jekk l-informazzjoni miġbura tippermettilhiex li tinvoka kontra r-rikorrenti l-eżistenza ta' waħda jew iktar mill-imsemmija preżunzjonijiet ta' ksur, fejn ir-rikorrenti tista', jekk ikun il-każ, tikkontesta n-natura ta' prova tal-informazzjoni mitluba fil-kuntest tar-risposta tagħha għal eventwali dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jew insostenn ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni finali.

115 Fid-dawl ta' dak li ntqal, dan l-ilment għandu jiġi miċħud u, b'hekk, it-tielet motiv, kif ukoll ir-raba' motiv, sa fejn dan huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003.

*Fuq it-tieni parti tar-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

116 Bit-tieni parti tar-raba' motiv tagħha, ir-rikorrenti tikkontesta l-proporzjonalità, minn naħa, tal-użu stess ta' deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 u, min-naħa l-oħra, tal-oneru involut fir-risposta għall-imsemmi kwestjonarju.

Fuq in-natura allegatament sproporzjonata tal-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003

117 Ir-rikorrenti tosserva li l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 ma hijiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, peress li, fl-eventwalità stess fejn kellhom jinġabru preċiżazzjonijiet, dawn setgħu jinġabru permezz ta' sempliċi talba għal informazzjoni.

118 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-prinċipju ta' proporzjonalità, li jifforma parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jeżiġi li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jmorrux lil hinn mil-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju għat-twettieq tal-għanijiet leġittimi mfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, fejn huwa sottointiż li, meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas miżura stretta, u li l-inkonvenjenti kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 2001, Jippes *et.*, C-189/01, Ġabra p. I-5689, punt 81).

119 Skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni lil impriża "permezz ta' talba sempliċi jew ta' deċiżjoni", mingħajr ma din id-dispożizzjoni tissuġġetta l-adozzjoni ta' deċiżjoni għal "talba sempliċi" preċedenti. B'dan il-fatt, l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 jiddistingwi ruħu mill-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962,

l-ewwel Regolament li jimplimenta l-Artikoli [81 KE] u [82 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3), li, fil-paragrafu 5 tiegħu, kien jorbot il-possibbiltà li ssir talba permezz ta' deċiżjoni għal informazzjoni mal-kundizzjoni li tfalli talba preċedenti għal informazzjoni.

120 Kuntrarjament għal dak li jidher li ssostni l-Kummissjoni fil-kitbiet tagħha, għandu jiġi enfasizzat li l-għażla li għandha tagħmel bejn talba sempliċi għal informazzjoni abbażi tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 1/2003 u deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni abbażi tal-Artikolu 18(3) ta' dan l-istess regolament tinsab taħt il-kontroll tal-proporzjonalità. Dan jirriżulta neċessarjament mid-definizzjoni stess tal-prinċipju ta' proporzjonalità li tinsab fil-punt 118 iktar 'il fuq, sa fejn fih jingħad li, "meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas miżura stretta". Bl-istess mod, jista' jiġi osservat li l-għażla mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1/2003 għandha analoġija ċerta ma' dik eżistenti bejn il-verifika permezz ta' sempliċi mandat u l-verifika ordnata permezz ta' deċiżjoni taħt l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 17 u tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1/2003. Issa, l-eżerċizzju ta' din l-għażla huwa suġġett għal stħarriġ mill-Qorti tal-Unjoni abbażi tal-prinċipju ta' proporzjonalità (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Ġunju 1980, National Panasonic vs Il-Kummissjoni, 136/79, Ġabra p. 2033, punt 29, u tat-22 ta' Ottubru 2002, Roquette Frères, C-94/00, Ġabra p. I-9011, punt 77; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2007, France Télécom vs Il-Kummissjoni, T-340/04, Ġabra p. II-573, punt 147).

121 Fid-dawl tal-approċċ privileġġat fil-ġurisprudenza fir-rigward tal-istħarriġ tal-proporzjonalità tal-użu ta' verifika ordnata permezz ta' deċiżjoni, jidher li tali stħarriġ, fir-rigward tal-għażla li għandha ssir bejn talba sempliċi għal informazzjoni u deċiżjoni, għandha tiddependi min-neċessitajiet ta' investigazzjoni xierqa, fid-dawl tal-partikolaritajiet tal-każ (sentenzi National Panasonic vs Il-Kummissjoni, punt 120 iktar 'il fuq, punt 29 ; Roquette Frères, punt 120 iktar 'il fuq, punt 77, u France Télécom vs Il-Kummissjoni, punt 120 iktar 'il fuq, punt 147).

122 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-deċiżjoni kkontestata tidħol fil-kuntest ta' investigazzjoni li tirrigwarda prattiki li jirrestrinġu l-kompetizzjoni li jinvolvu, minbarra lir-rikorrenti, lil seba' impriżi oħra attivi fis-settur tas-siment.

123 Deċiżjoni hija distinta minn talba sempliċi għal informazzjoni mill-fatt li huwa possibbli għall-Kummissjoni li timponi multa jew penali f'każ ta' provvista ta' informazzjoni mhux kompluta jew ippreżentata tard, b'applikazzjoni, rispettivament, tal-Artikolu 23(1)(b) u tal-Artikolu 24(1)(d) tar-Regolament Nru 1/2003.

124 Għalhekk, fid-dawl tal-kwantità tal-informazzjoni li għandha tingħabar u tiġi sovrapposta, ma jidhirx li ma kienx xieraq jew mhux adattat min-naħa tal-Kummissjoni li tipproċedi direttament fir-rigward tar-rikorrenti permezz tal-istrument legali li joffrilha l-ikbar assigurazzjoni li din tipprovdi risposta kompluta fit-termini mogħtija.

125 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-Kummissjoni ma kisritx il-prinċipju ta' proporzjonalità meta adottat deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 fir-rigward tar-rikorrenti.

Fuq il-karattru allegatament sproporzjonat tal-oneru involut fir-risposta għall-kwestjonarju

126 Ir-rikorrenti tikkunsidra li l-oneru involut fir-risposta għall-kwestjonarju jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità. Din tikkritika l-fatt li l-Kummissjoni timponi l-provvista ta' informazzjoni trimestrali għad-deċennju 2001-2010, kif ukoll in-natura partikolarment oneruża tal-obbligu li tiġi pprovduta mill-ġdid ċerta informazzjoni, taħt forma emendata, fuq il-bażi ta' kriterji ta' kalkolu u ta' definizzjonijiet emendati u billi jittieħdu inkunsiderazzjoni varjanti ġodda. Din tqis ukoll li r-risposta għad-domandi l-ġodda li jinsabu fil-kwestjonarju tinvolvi oneru ta' xogħol sproporzjonat.

127 Hekk kif diġà ġie enfasizzat fil-punt 97 iktar ’il fuq, l-obbligu impost fuq impriża li tipprovdi informazzjoni ma għandux jirrappreżenta għal din tal-aħħar oneru sproporzjonat meta mqabbel man-neċessitajiet tal-investigazzjoni.

128 Fl-ewwel lok, għandu jiġi enfasizzat li, għar-raġunijiet imsemmija fil-punti 102 sa 104 iktar ’il fuq, ma jistax jitqies li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta’ proporzjonalità minħabba li hija talbet lir-rikorrenti biex tipprovdi informazzjoni li, parzjalment, diġà ġiet ikkomunikata preċedentement lill-Kummissjoni, peress li l-kwestjonarju li jifforma l-Anness I tad-deċiżjoni kkontestata huwa intiż biex jikseb jew informazzjoni ġdida, jew informazzjoni iktar dettaljata minn dik li ipprovduta preċedentement.

129 Fit-tieni lok, f’dak li jikkonċerna n-natura eventwalment sproporzjonata tal-oneru involut mill-forma tal-kwestjonarju kif ukoll mill-livell ta’ preċiżjoni supplimentari ta’ ċerti domandi, il-Qorti Ġenerali tirrileva li ma jistax jiġi miċħud li dawn l-elementi involvew oneru ta’ xogħol partikolarment għoli.

130 Madankollu, ma jistax jiġi konkluż li dan l-oneru għandu karattru sproporzjonat fid-dawl tan-neċessitajiet tal-investigazzjoni marbuta b’mod partikolari mal-preżunzjonijiet ta’ ksur li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tivverifika u taċ-ċirkustanzi ta’ din il-proċedura.

131 L-ewwel nett, f’dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata fil-kuntest ta’ proċedura li tirrigwarda “restrizzjonijiet fil-fluss kummerċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), inklużi restrizzjonijiet ta’ importazzjonijiet fiż-ŻEE bi provenjenza minn pajjiżi esterni għaż-ŻEE, tqassim tas-swieq, koordinament tal-prezzijiet u prattiki antikompetittivi konnessi fis-suq tas-siment u s-swieq ta’ prodotti relatati”. Għandu jiġi kkonstatat li l-kamp ta’ applikazzjoni wiesgħa kif ukoll is-serjetà tal-preżunzjonijiet ta’ ksur li l-Kummissjoni tinvestiga dwarhom jistgħu jiġġustifikaw il-provvista ta’ numru għoli ta’ informazzjoni.

132 It-tieni nett, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt, diġà mfakkar fil-punt 122 iktar ’il fuq, li d-deċiżjoni kkontestata tidħol fil-kuntest ta’ investigazzjoni li tirrigwarda prattiki li jirrestrinġu l-kompetizzjoni li jinvolvu, minbarra lir-rikorrenti, lil seba’ impriżi oħra attivi fis-settur tas-siment. Għalhekk, fid-dawl tal-kwantità tal-informazzjoni li għandha tinġabar, ma jidhirx li kien sproporzjonat min-naħa tal-Kummissjoni li timponi li r-risposti jiġu pprovduti f’forma li tippermetti l-paragun tagħhom.

133 Għall-istess raġunijiet, ma jidhirx sproporzjonat min-naħa tal-Kummissjoni li titlob il-provvista ta’ informazzjoni trimestrali fuq perijodu ta’ madwar għaxar snin, fl-eventwalità fejn il-Kummissjoni tissuspetta l-eżistenza ta’ ksur li kompla fuq perijodu twil. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-unjoni rrikonoxxiet in-neċessità għall-Kummissjoni li titlob informazzjoni relattiva għal perijodu preċedenti għall-perijodu tal-ksur għall-finijiet li tippreċiża l-kuntest li fih kien jeżisti aġir matul dan l-aħħar perijodu (sentenza Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, punt 22 iktar ’il fuq, punt 51).

134 Fit-tielet lok u għall-istess raġunijiet, l-argument ibbażat fuq in-natura sproporzjonata tal-oneru involut mid-domandi supplimentari li jinsabu fil-kwestjonarju għandu jiġi miċħud.

135 Finalment, fir-raba’ lok, fir-rigward tal-ilment imressaq kontra l-Kummissjoni talli ma laqgħatx il-proposti alternattivi ta’ domandi ppreżentati mir-rikorrenti, għandu jiġi enfasizzat li, għalkemm, abbażi tal-prinċipju ta’ proporzjonalità, il-Kummissjoni hija marbuta li tirrikorri għall-inqas miżura oneruża, tali obbligu japplika biss meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri xierqa.

136 Għandu jiġi kkonstatat li l-proposti fformulati mir-rikorrenti kienu jammontaw, fir-realtà, għal talba ta’ eżenzjoni parzjali mill-obbligu ta’ risposta għal ċerti domandi, bl-offerta li tiġi pprovduta informazzjoni fuq perijodu ta’ żmien iqsar minn dak mitlub jew abbażi ta’ metodu ta’ kalkolu differenti minn dak privileġġjat mill-Kummissjoni. Fid-dawl tan-neċessità ta’ investigazzjoni adegwata u b’mod partikolari

bit-teħid inkunsiderazzjoni tan-numru kbir ta' impriżi kkonċernati mill-proċedura msemmija fil-punt 5 iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali tqis li l-Kummissjoni setgħet b'mod validu tiċħad il-proposti tar-rikorrenti.

137 Għaldaqstant, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

*Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-prattiki tajba tal-Kummissjoni relattivi għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni ekonomika u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba*

Fuq l-ewwel parti tal-motiv, ibbażata fuq ksur mill-Kummissjoni tal-prattiki tajba tagħha relattivi għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni ekonomika

138 Ir-rikorrenti tosserva li, meta l-Kummissjoni tadotta linja ta' aġir, din tillimita ruħha waħedha fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha. Minn dan, hija tiddeduċi li, sa fejn il-Kummissjoni, f'dan il-każ, irrikorriet għal konsultazzjoni bil-quddiem mal-impriżi kkonċernati hekk kif inhu stabbilit fil-prattiki tajba tagħha relattivi għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni ekonomika fil-kuntest tal-proċeduri abbażi tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE u fil-każijiet ta' fużjoni (iktar 'il quddiem il-"prattiki tajba"), hija kienet marbuta li tikkonforma ruħha mal-imsemmija prattiki tajba. Dan ma huwiex il-każ peress li l-Kummissjoni ma ħadet inkunsiderazzjoni la l-kummentarji u lanqas it-talbiet għal preċiżjonijiet imressqa mir-rikorrenti u peress li l-kwestjonarju adottat finalment kien differenti b'mod sinifikanti mill-abbozz, peress li numru ta' domandi inklużi fih ma kinux is-suġġett ta' konsultazzjoni bil-quddiem.

139 Il-Kummissjoni titlob li dan l-argument jiġi miċħud.

140 Il-linji gwida, għalkemm ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala dispożizzjonijiet legali, jistabbilixxu regola ta' mġiba indikattiva tal-prassi li għandha tiġi segwita li l-Kummissjoni ma tistax tinjora, f'każ partikolari, mingħajr ma tagħti raġunijiet li huma kompatibbli mal-prinċipju ta' trattament ugwali (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 2006, Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, C-397/03 P, Ġabra p. I-4429, punt 91, u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti Ġenerali tirrileva li ċertament, huwa minnu li meta l-Kummissjoni tistabbilixxi regola ta' aġir indikattiva intiża biex tipproduċi effetti esterni, hija ma tistax tinjoraha, f'każ partikolari, mingħajr ma tagħti raġunijiet li jkunu kompatibbli mal-prinċipju ta' trattament ugwali (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 2006, Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, C-397/03 P, Ġabra p. I-4429, punt 91).

141 Madankollu, hemm bżonn ukoll li t-test tal-prattiki tajba invokat mir-rikorrenti jkun jista' jiġi stabbilit b'regola ta' aġir. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li fil-punt 3.4.3 tal-prattiki tajba hemm enfasizzat li l-Kummissjoni għandha tipproċedi għal konsultazzjoni biss fl-eventwalità fejn din tkun "xierqa u utli". Għaldaqstant, peress li l-konsultazzjoni mal-impriżi hija ppreżentata bħala sempliċi fakultà, ma jistax jiġi lmentat li l-Kummissjoni ma osservatx il-punt 3.4.3 tal-prattiki tajba meta fil-kwestjonarju tagħha inkludiet domandi li ma kinux is-suġġett ta' konsultazzjoni minn qabel jew, *a fortiori*, talli ma segwietx l-osservazzjonijiet kollha mressqa mill-impriżi kkonsultati.

142 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti tal-motiv, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba mill-Kummissjoni

143 Ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni naqset mid-diliġenza meta emendat b'mod kostanti t-tip ta' domandi, il-kriterji li kellhom jiġu segwiti, il-prodotti inkwistjoni u l-pajjiżi ta' riferenza kkonċernati mid-diversi talbiet għal informazzjoni tagħha. Dan jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

144 Il-Kummissjoni tiċħad li kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

145 Għandu jitfakkar li l-premessa 37 tar-Regolament Nru 1/2003 tippreċiża li dan għandu "jirrispetta id-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji magħrufin b'mod partikolari mil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea" u li "għandu jiġi interpretat u applikat b'rispett ghal dawk id-drittijiet u il-prinċipji". Barra minn hekk, sa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 TUE, għandu jkollha l-istess valur legali bħat-Trattati.

146 L-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, intitolat "Id-dritt għal amministrazzjoni tajba" jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li "[k]ull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi ta' l-Unjoni".

147 Skont il-ġurisprudenza relattiva għall-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, fil-każijiet fejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom setgħa diskrezzjonali, l-osservanza tal-garanziji mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni fil-proċeduri amministrattivi għandha importanza iktar fundamentali. Fost dawn il-garanziji hemm b'mod partikolari l-obbligu għall-istituzzjoni kompetenti li teżamina, b'reqqa u b'mod imparzjali, l-elementi rilevanti kollha tal-każ (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Novembru 1991, Technische Universität München, C-269/90, Ġabra p. I-5469, punt 14, u s-sentenza Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni, punt 57 iktar 'il fuq, punt 404).

148 Għar-raġunijiet diġà esposti fil-punti 102 sa 104 iktar 'il fuq, għandu jiġi rrilevat li l-kwestjonarju, filwaqt li għandu għan simili għal dak tat-talbiet għal informazzjoni preċedenti, huwa differenti minħabba l-livell ta' preċiżjoni tad-domandi tiegħu jew mill-preżenza ta' domandi ġodda. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-firxa tal-investigazzjoni mmexxija mill-Kummissjoni u n-numru ta' impriżi kkonċernati kif ukoll in-natura teknika tas-suq tal-prodotti kkonċernati jistgħu jiġġustifikaw li l-Kummissjoni tadotta b'mod suċċessiv talbiet għal informazzjoni li jaqblu b'mod parzjali, mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

149 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li dan il-motiv jiġi miċħud, u għalhekk ir-rikors fl-intier tiegħu.

## Fuq l-ispejjeż

150 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li din tiġi ordnata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

**1) Ir-rikors huwa miċħud.**

**2) Buzzi Unicem SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Dittrich Wiszniewska-Białecka Prek

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Marzu 2014.

Firem

## Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . . . 1

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet . . . . . 3

Id-dritt . . . . . 4

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża . . . . . 4

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq eċċess u fuq abbuż ta' poter min-naħa tal-Kummissjoni kif ukoll fuq tibdil tal-oneru tal-prova . . . . . 7

Fuq it-tielet motiv u fuq l-ewwel parti tar-raba' motiv, ibbażati fuq il-ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 . . . . . 8

Fuq in-natura tal-informazzjoni mitluba . . . . . 8

Fuq in-neċessità tal-informazzjoni mitluba . . . . . 12

– Fuq l-allegazzjoni bbażata fuq in-natura pubblika ta' ċerta informazzjoni mitluba . . . . . 13

– Fuq l-allegazzjoni bbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni kellha fil-pussess tagħha ċerta informazzjoni mitluba preċedentement għad-deċiżjoni kkontestata . . . . . 13

– Fuq l-ilment li jikkontesta n-neċessità tal-livell ta' preċiżjoni supplimentari meħtieġ mid-deċiżjoni kkontestata . . . . . 15

– Fuq l-ilment li jikkontesta l-ħtieġa tal-informazzjoni supplimentari mitluba . . . . . 15

Fuq it-tieni parti tar-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalitŕ . . . . . 16

Fuq in-natura allegatament sproporzjonata tal-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 . . . . . 16

Fuq il-karattru allegatament sproporzjonat tal-oneru involut fir-risposta għall-kwestjonarju . . . . . 17

Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-prattiki tajba tal-Kummissjoni relattivi għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni ekonomika u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba . . . . . 19

Fuq l-ewwel parti tal-motiv, ibbażata fuq ksur mill-Kummissjoni tal-prattiki tajba tagħha relattivi għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni ekonomika . . . . . 19

Fuq it-tieni parti tal-motiv, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba mill-Kummissjoni. 19

Fuq l-ispejjeż . . . . . 20